# Il-Benċmark ta' Tmiem l-Edukazzjoni Primarja

## 2017

## It-Tieni Sessjoni

**Il-Malti: Il-Fehim mill-Qari**

**Il-Marki: 30 marka**

**Il-Ħin: 50 minuta**

## L-Ewwel Taqsima (10 marki)




**Ħarsetta (*blurb*) lejn *L-Avventura fil-Kastell tal-Markiż*, ktieb ta' David Fenech.**

Anġlu u Marisa Attard, koppja minn Ħal Żnuber, adottaw tewmin ta' ħdax-il sena, Aħmed u Ħanan. Dawn iż-żewġt itfal kienu tfal ferrieħa u dħulin. F'qasir żmien għamlu ħbieb mat-tfal kollha tal-klassi tagħhom. Kienu wkoll tfal avventurużi li praspura jidħlu għaliha b'għajnejhom magħluqa. Jum minnhom iż-żewġt itfal, flimkien mal-ħabib tagħhom Craig u l-kelba tiegħu Xuxa, fettlilhom jidħlu fil-Kastell tal-Markiż minn tieqa mkissra li sabu fuq in-naħa ta' wara. Dan il-kastell kien ilu magħluq u **abbandunat żmien u għomor**.

X'ġara wara, ħadd ma jaf. Lura d-dar tal-familja Attard marret biss il-kelba, għajjiena u zzappap. Daharha kien mimli tajn, qisha waqqgħet f'xi ħama. Marbut mal-kullar, Anġlu sabilha l-lazz tal-papoċċ ta' Ħanan u mal-lazz kien hemm komma mċarrta mill-qmis ta' Aħmed b'messaġġ xejn ċar imħarbex b'likwidu aħmar. X'kien ġralhom it-tfal fil-Kastell tal-Markiż? Għaliex il-kelba biss marret lura d-dar? U l-messaġġ fuq il-komma min ħarbxu, u x'ried jgħid bih?

### A. Immarka ✓ hux Veru (V), Falz (F) jew Ma Ssemmietx (MS). (4 marki)

| | V | F | MS |
|---|---|---|---|
| 1. L-avventura li kiteb David Fenech ġrat f'binja antika. | | | |
| 2. Aħmed u Ħanan kienu mis-Sirja. | | | |
| 3. Xuxa kienet kelba tal-kaċċa. | | | |
| 4. Craig kien iben Anġlu u Marisa. | | | |

**B. Immarka t-tweġiba billi tagħmel ✓ fil-kaxxa t-tajba.** (6 marki)

5. It-tfal daħlu fil-kastell minn
   - [ ] kanċell kbir tal-ħadid.
   - [ ] tieqa fuq wara.
   - [ ] bieb imkisser.

6. Aħmed u Ħanan kienu l-ulied adottivi
   - [ ] ta' Craig.
   - [ ] tal-Markiż.
   - [ ] tas-Sinjuri Attard.

7. Xuxa marret lura d-dar
   - [ ] mifluġa u maħmuġa.
   - [ ] tiġri u mimlija tajn.
   - [ ] għajjiena u nadifa.

8. Il-komma mċarrta tal-qmis kienet marbuta
   - [ ] ma' denb Xuxa.
   - [ ] mal-lazz ta' Ħanan.
   - [ ] mal-lazz ta' Aħmed.

9. '**abbandunat żmien u għomor**' tfisser li
   - [ ] l-kastell kien ilu ħafna ma jintuża.
   - [ ] kien għadu jgħix fih il-Markiż.
   - [ ] ma tantx kien ilu abbandunat.

10. 'messaġġ **imħarbex**' tfisser messaġġ
   - [ ] miktub ċar u pulit.
   - [ ] imħażżeż, bilkemm jingħaraf.
   - [ ] impinġi u ddettaljat.

## It-Tieni Taqsima (20 marka)

**Aqra din is-silta u wara wieġeb il-mistoqsijiet.**

### IL-PORT IL-KBIR JIRRAKKONTA

**L-Ewwel Parti**



Ma nafx kemm għandi żmien bl-eżatt. Li naf żgur huwa li għaddew minn fuqi eluf ta' snin. Dejjem kont importanti għall-kummerċ f'Malta, fl-imgħoddi forsi aktar mil-lum. Nista' ngħid b'wiċċi minn quddiem li, kieku ma kontx jien, Malta kienet tkun art minsija. Imma donnu l-Maltin illum ftit għadhom jagħtu kasi. Ara l-barranin, dawk jitilfu għaqalhom warajja, speċjalment dawk li jaslu bil-baħar fuq il-cruise liners. Dawn jibqgħu b'ħalqhom miftuħ hekk kif jarawni...mhux ta' b'xejn isibuni bħala l-Port il-Kbir! (par.1)

Nista' niftaħar li għext l-istorja kollha ta' Malta. Ma nistax ninsa l-iġfna bieżla tal-Feniċi, l-aqwa baħħara tal-qedem, li kienu jimlewni bil-ħajja. X'ma kinux iġibu lejn Malta? Ikel, frott, bhejjem, ħwejjeġ u fuħħar. Niftakarhom jgħabbu minn fuq ix-xatt **pezez ta' drapp** fin li kienu jġibuh apposta biex jinżebagħ bil-kulur speċjali tal-porpra li l-Maltin kienu jafu jħalltu! (par.2)

Iżda hemm xena li għadha ssewwidli qalbi sal-lum. Niftakar kien it-18 ta' Mejju 1565. Ix-**xefaq** imtela bi qlugħ bojod. Qatt ma rajt daqstant xwieni f'daqqa daqs dakinhar! F'qalbi għedt, "Dawn kif se joqogħdu kollha hawn ġew?" Imma bdejt ninkwieta meta s-suldati għalqu l-bokka tal-Birgu minn tarf sa tarf b'katina ħoxna. Kien l-ewwel jum tal-Assedju l-Kbir li fih kelli nara minn kollox: ġlied, tifrik, ħruq u dħaħen kbar. Ma nistax ninsa l-qlubija tas-suldati fiż-żewġ fortizzi ewlenin li kienu jħarsuni: Sant'Iermu u Sant'Anġlu. Għadni qed nara kavallier xwejjaħ, liebes il-ħadid, b'salib abjad fuq sidru, ixejjer xabla kbira waqt li jħeġġeġ lil sħabu jibqgħu jiddefendu lil arthom sal-aħħar. (par.3)

Fl-album tiegħi hemm ukoll il-waqtiet sbieħ. Niftakar l-għodwa tat-8 ta' Settembru 1565 meta ġriet l-aħbar li l-għadu qata' qalbu u telaq tellief lejn pajjiżu. Kemm ferħu l-Maltin! Żejnu s-swar u l-fortizzi tiegħi bi bnadar u standardi kkuluriti. Ma riedu jieqfu b'xejn jisparaw il-kanuni, din id-darba bil-ferħ! (par.4)

## A. Aħdem dawn li ġejjin, skont is-silta li qrajt. (8 marki)

1. **Immarka t-tweġiba** billi tagħmel ✓ fil-kaxxa t-tajba.
   Illum il-Port il-Kbir qed iħossu minsi u mwarrab

   | | |
   |---|---|
   | ☐ | mill-biċċa l-kbira tal-Maltin. |
   | ☐ | mill-barranin li jżuruh. |
   | ☐ | mill-artisti. |

2. Agħti **żewġ** raġunijiet għaliex taħseb li l-Port il-Kbir baqa' jiftakar sewwa 'l-Feniċi li kienu jiġu Malta fl-imgħoddi.

   a) ______________________________

   b) ______________________________

3. Kif induna l-Port il-Kbir li l-flotta kbira ta' xwieni li ra kienet ġejja għall-ġlied?

   ______________________________

4. Il-Port il-Kbir baqa' impressjonat bil-kavallier xwejjaħ. Għaliex?

   ______________________________

5. Semmi ħaġa **waħda** li għamlu l-Maltin biex iċċelebraw ir-rebħa tal-Assedju l-Kbir.

   ______________________________

6. Agħti **s-singular**: '**pezez ta' drapp**' (par.2) ______________

7. Agħti kelma oħra flok '**xefaq**'. (par.3) ______________

**Kompli aqra din is-silta u wara wieġeb il-mistoqsijiet.**

**It-Tieni Parti**

Ġrajja simili rġajt għextha mijiet ta' snin wara, waqt it-Tieni Gwerra Dinjija. Għamilt sentejn sħaħ naqla' ġo fija xita ta' bombi. Fl-1942 l-attakki ħraxu sewwa u s-swar tiegħi bdew jiġġarrfu wkoll. Il-Belt Valletta, flimkien mal-Isla, il-Birgu, u Bormla, laqqtuha sewwa. Kull fejn tħares kont tilmaħ bini mġarraf u tifrik. (par.5)

Bħala port b'tarzna kbira, kont nilqa' fi ħdani bastimenti ta' kull tip u daqs, kemm dawk tal-wiċċ kif ukoll dawk li jħufu fil-qiegħ. Kollha kienu jidħlu jistkennu għandi waqt li jsirulhom it-tiswijiet jew jingħataw il-fuel biex ikomplu triqthom. (par.6)

Dakinhar tal-festa ta' Santa Marija, **il-folja nqalbet**. Is-swar tiegħi mtlew bin-nies li ħarġu bi ħġarhom jistennew il-konvoj li kellu jsalvahom. Fuq wiċċhom



kienet tidher it-tbatija mħallta mal-ferħ. Hekk kif feġġ bastiment kbir fil-bokka tiegħi, in-nies infexxet tgħajjat u xxejjer kulma sabet u ġabet magħha. Jien bqajt skantat kif irnexxielu jasal s'għandi. Il-bastiment kien mimli toqob u tiċrit. Kien megħjun minn għadd ta' vapuri żgħar biex jitrakka mal-moll. Kien jidher li qala' sew fuq wiċċu. Lanqas laħaq rabat li ma bdietx ħidma kbira biex tinħatt minn fuqu t-tagħbija tant mistennija li rnexxielu jwassal Malta. (par.7)

Bosta huma t-tifkiriet l-oħra li għadni ngħożż, bħal meta l-Maltin taw merħba kbira lill-Papa Ġwanni Pawlu II li żar Malta fl-1990. Niftakru jħares u jieħu gost b'kull rokna tiegħi waqt li kien ħiereġ bil-katamaran għal Għawdex. (par.8)

Illum ninsab aktar kwiet u kalm minn qabel. Forsi ż-żmien qed **jagħmel** tiegħu. Imnalla jkunu l-artisti lokali u t-turisti tal-cruise liners li jiddandnu bir-ritratti tal-veduti sbieħ tiegħi fuq l-internet! Bis-saħħa tagħhom nibqa' magħruf mad-dinja kollha għall-ġmiel naturali li jien imżejjen bih. (par.9)

**B. Wieġeb dawn li ġejjin, skont is-silta li qrajt.** (8 marki)

1. Imla l-vojt.

   Il-bliet li jdawru l-Port il-Kbir huma l-Belt Valletta, il-Birgu, ______________ u l-Isla.

2. Għaliex il-Port il-Kbir iħoss li kellu sehem importanti fit-Tieni Gwerra Dinjija?

   ________________________________________________________________

   ________________________________________________________________

3. Il-Port il-Kbir għaraf li l-bastiment li daħal f'Santa Marija kien importanti ferm għal Malta. Agħti raġuni **waħda** li ġegħlitu jaħseb hekk.

   ________________________________________________________________

   ________________________________________________________________

4. Skont is-sens tas-silta, l-idjoma **'l-folja nqalbet'** (par.7) tfisser li dakinhar

   - [ ] qam riħ kbir li qalleb il-baħar.
   - [ ] l-affarijiet inbidlu għall-agħar.
   - [ ] l-affarijiet inbidlu għall-aħjar.

5. Aqleb **fil-femminil**.

   Is-swar **tiegħu** mtlew bin-nies.

   Is-swar ________________ mtlew bin-nies.

6. Imla l-vojt biex taqleb is-sena **1942** kollha **fi kliem**.

   Kienet is-sena elf, ________________ mija u tnejn u ________________ .

7. Agħti **l-għerq** tal-verb '**jagħmel**'. (par.9) - ________________

## Ċ. Aħdem dawn fuq is-silta kollha. (4 marki)

F'din l-istorja jitkellem il-Port il-Kbir stess fuq ħajtu.

1. Għoġbok il-mod kif jirrakkonta? Għaliex?

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

2. Xi tħoss għall-Port il-Kbir wara li qrajt dak kollu li kellu xi jgħid?

   Semmi **żewġ** affarijiet.

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

**Tmiem il-karta**